# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-24 ta' Ottubru 2005

## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Azerbajġan, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2006/453/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' l-Adeżjoni tat-2003, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Azerbajġan, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, kien iffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri fit-30 ta' April 2004.

(2) Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll ġie applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Mejju 2004.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Azerbajġan, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, kien iffirmat f'isem il-Komunità Europea huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Europea għall-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni [2].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti tali notifika f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

Magħmul fil Lussemburgo, nhar il-24 ta' Ottubru 2005.

| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| B. BRADSHAW | J. M. BARROSO |

[1] Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2004 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċċjali.